**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 192/2016**

**Illum: 26 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank A. Tabone)**

**vs**

**Marvik Formosa**
**(ID 264486(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Marvik Formosa ta' 30 sena, iben Carmel u Carmen nee` Galea, imwieled il-Pieta`, nhar id-9 ta' Ġunju 1986, residenti Flat 2, Marbert, Triq Sant Anton Abbati, Mosta u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 264486(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar il-5 ta' Awwissu 2016 u fit-tlett snin ta' qabel din id-data:

1. Ipprattika professjoni tal-kura medika kemm-il darba ma kienx jissodisfa l-kondizzjonijiet biex jibda, u jeżerċita dik il-professjoni tal-kura medika f'Malta, skond id-dispożizzjonijiet tal-Att Dwar il-Professjoni tas-Saħħa (l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 464 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Għamilha ta' spiżjar li jkollu liċenzja kif imiss biex jeżerċita l-professjoni tiegħu f'Malta, billi ddispensa xi prodott li għandu jinħareġ b'riċetta mediċinali meta jigi ppreżentat b'xi riċetta bħal dik wara li tkun inħarġet riċetta mediċinali minn persuni awtorizzati kif imiss taħt l-Artikolu 81 tal-Att dwar il-Mediċina (L.S. 458.49 Reg 4(1));

3. Qiegħed prodott mediċinali fis-suq f'Malta mingħajr awtoriżazzjoni ta' tqegħid fis-suq mill-Awtorita` dwar il-Liċenzjar, skond id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Mediċini jew ta' xi regolament jew regoli magħmulin taħtu (l-Artikolu 20(1) tal-Kap. 458 tal-Liġijiet ta' Malta).

U aktar talli nhar il-5 ta' Awissu 2016 ġewwa dawn il-gżejjer:

4. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Frar 2018, l-imputat irreġistra ammissjoni dwar l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

Għal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat illi mix-xhieda tal-Ispettur Frank A. Tabone[1] jirriżulta illi fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest, Uffiċjali tal-Pulizija mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga rraportaw ġewwa ħanut bl-isem ta' 'Sport Nutrition' li jinsab il-Mosta, minn fejn ġie arrestat l-imputat odjern. Saret tfittxija kemm ġewwa l-imsemmi ħanut, kif ukoll ġewwa r-residenza tiegħu u ġew elevati sustanzi suspettati *steroids*, kif ukoll *sachet* b'sustanza bajda suspettata kokaina.

L-imputat volontarjament irrilaxxja stqarrija lill-pulizija wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.[2]

Għal fini ta' piena u fuq skorta tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-5 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, ta' sentenza oħra tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018 u tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** tal-20 ta' Novembru 2018, la darba l-imputat ma ngħatax il-jedd illi jkun assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu waqt l-interrogatorju tiegħu għaliex dan id-dritt ma kienx fis-seħħ fiż-żmien tal-każ, il-Qorti qed tqis l-istqarrija tal-imputat bħala prova inammissibbli u għaldaqstant mhijiex qed tieħu konjizzjoni tagħha. Dan japplika wkoll għal kwalunkwe referenza li saret matul il-proċeduri għal tali stqarrija.

Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[3], ukoll maħtur fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ, jirriżulta illi huwa ngħata tmien dokumenti għall-analiżi tiegħu, dwar liema dokumenti huwa kkonkluda s-segwenti:

---

[1] Ara din ix-xhieda a fol. 8 sa 10 tal-proċess.
[2] L-istqarrija tinsab esebita a fol. 12 sa 13A tal-proċess. Ara wkoll id-dikjarazzjoni tar-rifjut għall-parir legali, a fol. 11 tal-proċess.
[3] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 49 sa 60 tal-proċess.

(a) Illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad fl-imsemmi dokumenti nstabet is-sustanza kokaina. Il-piż totali tat-trab kien ta' 0.04 grammi. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) Illi d-dokumenti l-oħra huma kollha *steroids* li mhumiex ikkontrollati bil-Liġijiet ta' Malta, ħlief it-trab abjad imsemmi fil-paragrafu ta' fuq. *Spirolon 25, Clomiphene citrate u Sildenafil* huma *prescription only medicines (POM)* skond il-*Malta Medicine Authority database.*

Qieset ukoll għal fini ta' piena, l-ammont ta' mediċinali nvolut, kif ukoll illi l-Prosekuzzjoni ssottomettiet illi dawn l-ammonti ma kinux kbar. Jirriżulta wkoll illi l-piż tas-sustanza kokaina kien wieħed żgħir ħafna u illi f'dan ir-rigward japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qieset ukoll illi l-fedina penali tal-imputat fiż-żmien tal-każ odjern kienet waħda netta u illi l-ammissjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri kienet waħda bikrija.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 3(1) u 39(a) tal-Kap. 464 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 20(1) u 99(1)(a) tal-Kap. 458 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 4(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 458.49, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin mil-lum, kif ukoll għall-penali ta' tmenin ewro (€80).

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu tal-liberazzjoni kundizzjonata.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura fl-istadju tal-inkjesta dwar dan il-każ ossia is-somma ta' tnejn u tletin ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€32.61) rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mar-relazzjoni esebita mis-*Scene of the Crime Office* PS 122 Arthur Borg, is-somma ta' mitejn u dsatax-il ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€219.31), rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Office* PC 959 Daniel Formosa u s-somma ta' mitejn u sebgħa u għoxrin ewro u erbgħa u sebgħin ċentezmu (€227.74)

rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mar-relazzjoni esebita mix-Xjenzat Godwin Sammut, liema spejjeż jammontaw komplessivament għal erba' mija, disgħa u sebgħin ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€479.66). Tali spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u tal-mediċinali, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat